San Lawrenz

**MINUTI – LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 15 – Is-Sibt 4 ta' Ġunju 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fis:1:30 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Formosa | Sindku |
| | Anthony Formosa | Viċi Sindku |
| | Franco Buhagiar | Kunsillier |
| | Joseph Cauchi | Kunsillier |
| | Carmen Grima | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju Eżekuttiv |
| Skuzat: | James Grima | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

**3.0 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2015**

3.1 Is-Segretarja preżentat il-Financial Statements għall-għeluq tas-sena finanzjarja 2015. Il-kunsill innota b'sodisfazzjon li issa jinsab konformi mar-regolamenti u l-accounts tal-Kunsill jinsabu f'posthom. Il-financial statements ġew approvati.

**4.0 Ftuħ tal-istima tas-CCTV**

4.1 Għall-istima li nħarġet għall-CCTV intefgħu żewg offerti:-

- Josef Mizzi €3778.76 u
- Security Socutions Malta għall-prezz ta' €2605

4.2 Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi l-istimi lill-inginier li għaddielna l-ispecifications biex jara humiex konformi u mbagħad wara naslu għall-għażla.

**5.0 Wara l-Ftuħ tal-Offerta tal-Playing field**

5.1 Is-Sindku rrefera għall- kompozizzjoni tal-evaluation board. Huwa spjega kif huwa serva bħala Chairman peress li Francis Cauchi ma għandux email account mal-gvern u minflok l-avukat Joshua Grech, inħatar rapprezentant nnominat mis-Segretarjat ta' Justyne Caruana, is-Sur Spiru Formosa. Huwa semma' kif il-Bord iltaqa' darbtejn biex wasal għar-rakkomondazzjoni tiegħu, dik tal-orħos offerta mitfugħa mis-Sur Joe Grima għall-prezz ta' €104,996.11. Il-Kunsill qabel mar-rakkommandazzjoni tal-Bord u sar qbil li għandna ninfurmaw lis-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana bil-varjazzjoni bejn il-prezz li ser jingħata għall-proġett u dik sottomessa biex naraw jekk l-Kunsill jistax jiġi kumpensat bid-differenza peress li finanzjarjament ma jiflaħx għaliha.

**6.0 Swejjaq**

6.1 Is-Sindku rrefera għall-kampanja ta' reklamar li saret u għall-fatt li diversi gazzetti u stazzjonijiet televisivi wrew interess kbir f'din l-attivita' u tawha il-pubbliċita li jixirqilha. Is-Sindku rrefera għall-fatt li bħala bejjiegħa ser ikun hemm varjazzjoni ta' prodotti fosthom ħut, ħxejjex, żejt taż-żebbuġa, te tal-ġulepp tal-ħarrub u bosta oħrajn. Il-kunsilliera Carmen Grima staqsiet jistax jiġi xi ħadd jagħmel u jbigħ il-pottery. Il-Kunsill qabel ma dan.

6.2 Huwa semma' li ġew ordnati xi mwejjed u siġġijiet, ser jinxtraw xi dvalji, nkrew xi umbrellel u tinda għal-palk. Issemma' li ġew ordnati żewġ gwardjani lokali u ser jiġi ordnat ukoll mobile toilet.

**7.0 Materji oħra**

7.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja kellu mal-grupp taż-żgħażagħ li qed jiffurmaw il-Young Enterprise u semma' kif dawn ħarġu bl-idea li joħolqu 'app' li f'diversi *stations* permezz tal-mobile tiegħu wieħed ikun jista jaqra barcode u titla' l-informazzjoni tal-post. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jissapportja dan il-grupp.

7.2 Sar qbil li nhar l-Erbgha 22 ta' Ġunju ssir ħarġa għall-anzjani u dawk l-irġiel li jattendu għandu jingħatalhom tifkira ta' Jum il-Missier.

## 8.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Gunju 2016 fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**